# Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda

**Dr. Noel Camilleri**
***President***

**J.C. Azzopardi**
***Segretarju***

Malli joqrob l-istaġun tal-festi, hija ħaġa naturali li l-pajjiż, u allura anke l-komunitajiet rispettivi tagħna, jingħataw libsa differenti. Dik ta' komunità li qed tiċċelebra l-festa tal-patrun tagħha. Il-festa hija ċelebrazzjoni li fiha l-elementi kollha juru verament x'inhu pajjiżna. Hija festa tal-komunità kollha.

Huwa żmien meta l-attività ta' barra u ġewwa fl-Għaqdiet tiżdied u dan jirrifletti l-impenn li dawn għandhom favur il-komunità fejn jinsabu. Din l-attività ssir kollha b'mod volontarju, hekk kif ħafna nies jingħaqdu sabiex jaħdmu ħalli jaraw li l-iżvolġiment tal-festi tagħna jkun wieħed kif mixtieq u b'hekk jitgawdew mhux minna l-Maltin u l-Għawdxin biss, iżda wkoll mill-eluf ta' turisti li jżuru lil pajjiżna biex jammiraw dak kollu li fih, inkluż il-festi tagħna.

Din is-sena ser naraw il-bidu biex il-festa Maltija tiġi rikonoxxuta mill-UNESCO bħala Wirt Intanġibbli Dinji. Għal dan l-avveniment hemm ħafna xogħol li jrid isir minna l-Għaqdiet. Xogħol li bih irridu nuru li aħna **serji, dixxiplinati** u nagħrfu fejn hemm bżonn li **ntejbu** u **niżbru** fejn ma jagħmilx ġid għalina. Dan kapaċi nagħmluh mingħajr ma jiġi ħadd jimponi fuqna. Iż-żmien tal-impożizzjoni ilu li spiċċa. Irridu nkunu kapaċi li l-festi tagħna nagħtuhom identità aktar profonda u ma nħalluhomx jispiċċaw ikunu biss ċelebrazzjonijiet mingħajr ruħ.

Huwa żmien ferm impenjattiv għall-Għaqdiet li jridu juru li kapaċi jqumu għal dan il-proġett ambizzjuż. L-Għaqda Każini tal-Banda hija konvinta li dik il-kapaċità teżisti u ser twassal lil dan il-proġett jirnexxi u li jkun ifisser li l-Għaqdiet tal-Banda jkollhom ukoll rikonoxximent lil hinn minn xtutna.

Madankollu hemm il-ħtieġa li nkunu dejjem attenti biex ma nippermettu lil ħadd li jtappan ix-xogħol kollu li jsir mill-Għaqda u l-membri tagħha billi jimmina d-direzzjoni ċara tal-Għaqda Każini tal-Banda. Kull meta konna magħqudin, urejna li kapaċi naslu fejn nixtiequ.

Filwaqt li nawguraw il-festa t-tajba lir-residenti u partitarji tal-Għaqda Mużikali Imperial, infakkru li huwa fundamentali li l-ħidma tal-Għaqda jew Soċjetà tagħkom tibqa' waħda serja, integra u tassew attività komunitarja kif jafu jagħmlu s-Soċjetajiet meta tqum il-ħtieġa. Għaldaqstant huma importanti li l-festi tagħna jiġu ċċelebrati minna għal ġid tal-komunità kollha mingħajr ebda esklużjoni. Hekk biss inkomplu nsaħħu l-festi tagħna fl-aspetti kollha tagħhom, għaliex l-aspett reliġjuż huwa intrinsikament marbut mal-kultura ta' pajjiżna.

***Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial***